MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2005

Appell Civili Numru. 542/1996/1

**Joseph John Edwards sew personalment**
**kif ukoll bhala prokuratur ta'**
**Mae Waterhouse**

**v.**

**Kummissarju ta' l-Artijiet u l-Avukat Generali**
**ghan-nom u in rappresentanza tal-Gvern ta' Malta**

**Il-Qorti:**

**<u>Preliminari</u>**

Dan hu appell minn sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-22 ta' Ottubru 2004. Is-sentenza appellata – li qed tigi hawn riprodotta fl-intier taghha peress li fiha hemm riprodotti t-talbiet tar-rikorrent *proprio et nomine*, l-eccezzjonijiet tal-intimati, il-fatti kif ukoll il-konsiderazzjoni ta' l-ewwel Qorti – tghid hekk:

"**F'din il-kawża r-rikorrenti qegħdin jitolbu l-ħarsien tad-drittijiet fondamentali tagħhom ta' proprjetà u għal smigħ pubbliku fi żmien raġonevoli quddiem tribunal imparzjali u indipendenti.**

**"Ir-rikors illi bih inbdew dawn il-proċeduri jgħid illi b'avviż numru 565 maħruġ fil-Gazzetta tal-Gvern tat-28 ta' Settembru 1989, il-President ta' Malta għarraf illi l-proprjetà magħrufa bħala *Villa Gżira*, il-Gżira, kienet meħtieġa għal skop pubbliku skond l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi [Kap. 88 — "l-Ordinanza"], u hekk dik il-proprjetà, li hija tar-rikorrenti, ċittadini britanniċi, kienet esproprjata. Għalkemm it-teħid tal-proprjetà sar fl-1989, b'danakollu l-awtorità pubblika baqgħet ma nqdietx biha u ħallietha tmur lura, b'dannu għar-rikorrenti. Barra minn hekk, għalkemm għaddew seba' snin (bejn meta ttieħdet il-proprjetà u meta sar ir-rikors) l-awtorità ma għamlet xejn biex lir-rikorrenti jingħata kumpens talli kienu mċaħħda minn ħwejjiġhom, u dan id-dewmien ukoll fih innifsu huwa ksur tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti.**

**"Ir-rikorrenti jkomplu jgħidu illi l-esproprjazzjoni ma hijiex għal skop pubbliku jew għall-interess pubbliku, għax ma sar ebda użu mill-proprjetà wara li ttieħdet. Igħidu wkoll illi saret diskriminazzjoni kontra tagħhom għax oħrajn ingħataw kumpens, għalkemm il-proprjetà tteħditilhom fl-istess żmien bħar-rikorrenti jew ukoll wara.**

**"Ir-rikorrenti fissru illi l-artikolu wieħed ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet**

**Fondamentali [“l-Ewwel Protokoll”] jgħid illi proprjetà ma tistax tittieħed jekk mhux fl-interess pubbliku. L-art. 37 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta [“il-Kostituzzjoni] wkoll iħares id-dritt ta’ proprjetà, ħlief meta din tittieħed fl-interess pubbliku. It-teħid tal-proprjetà tagħhom, iżda, ma sar għal ebda interess pubbliku. L-art. 6 ta’ l-Ordinanza, iżda, igħid illi ħadd ma jista’ jitlob prova oħra ta’ l-iskop pubbliku msemmi fid-dikjarazzjoni tal-President ta’ Malta maħruġa taħt l-art. 3 ta’ l-istess liġi ħlief id-dikjarazzjoni nfisha. Għalhekk ir-rikorrenti huma miżmuma milli jitolbu prova ta’ l-iskop pubbliku li bis-saħħa tiegħu ttieħdet il-proprjetà, u b’hekk ġew imċaħħda mid-dritt tagħhom għal smigħ xieraq.**

**“Għalhekk, igħidu r-rikorrenti, l-art. 6 ta’ l-Ordinanza jikser l-art. 1 ta’ l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni għax ma jħallix li qorti jew awtorità oħra kompetenti tissindika dwar jekk it-teħid tal-proprjetà huwiex tassew fl-interess pubbliku. Jikser ukoll l-art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali [“il-Konvenzjoni”] għax iċaħħad lir-rikorrenti, f’deċiżjoni li tolqot id-drittijiet ċivili u l-obbligi tagħhom, għal smigħ quddiem tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b’liġi.**

**“Ir-rikorrenti għalhekk talbu illi din il-qorti tagħti l-ordnijiet u d-direttivi meħtieġa biex tara li jitħarsu d-drittijiet fondamentali tagħhom imħarsa taħt l-art. 1 ta’ l-Ewwel Protokoll u l-art. 6 tal-Konvenzjoni, fosthom billi:**

**1. tgħid illi l-art. 6 ta’ l-Ordinanza jikser id-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti mħarsa taħt l-art. 1 ta’ l-Ewwel Protokoll u l-art. 6 tal-Konvenzjoni;**
**2. tgħid illi ma jiswiex l-art. 6 tal-Kap. 88;**
**3. tgħid illi t-teħid ta’ *Villa Gzira*, il-Gżira, ma sarx fl-interess pubbliku;**
**4. tgħid illi t-teħid huwa bi ksur tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti mħarsa taħt l-art. 1 ta’ l-Ewwel Protokoll u l-art. 6 tal-Konvenzjoni;**

**5. tgħid illi ma tiswiex in-Notifikazzjoni numru 565 maħruġa fil-Gazzetta tal-Gvern tat-28 ta' Settembru 1989; u**
**6. tagħti kull rimedju ieħor xieraq u meħtieġ għall-ħarsien tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti.**

**"Talbu wkoll l-ispejjeż.**

**"L-intimati ressqu dawn l-eċċezzjonijiet:**

**1. il-proċeduri saru ħażin u ma jiswewx għax "proċeduri quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għandhom jinbdew permezz ta' ċitazzjoni u mhux b'rikors";**
**2. l-Avukat Ġenerali kien imħarrek għalxejn għax, skond l-art. 181B(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, l-Avukat Ġenerali jidher għall-gvern biss meta t-talba ma tkunx tista' ssir kontra xi wieħed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti tal-gvern;**
**3. l-azzjoni waqgħet bi preskrizzjoni taħt l-art. 469A(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili;**
**4. ir-rikorrent ma ġabx prova illi huwa s-sid tal-proprjetà;**
**5. il-ħames talba tar-rikorrenti (biex il-qorti tgħid illi ma tiswiex in-Notifikazzjoni numru 565 maħruġa fil-Gazzetta tal-Gvern tat-28 ta' Settembru 1989) ma tistax tintlaqa' għax l-għemil tal-President ta' Malta ma hux sindakabbli skond il-liġi;**
**6. l-art. 6 ta' l-Ordinanza jitkellem dwar "skop pubbliku" u mhux dwar "interess pubbliku";**
**7. it-teħid tal-proprjetà sar fl-interess pubbliku; u**
**8. l-intimati ma għandhomx ibatu spejjeż.**

**"Dawn il-proċeduri saru taħt il-Kostituzzjoni u taħt l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea [Kap. 319], u għalhekk, kontra dak li tgħid l-ewwel eċċezzjoni, kellhom isiru, u saru sew, b'rikors. Dik l-eċċezzjoni**

**hija għalhekk miċħuda. Billi wkoll ir-rikorrenti qegħdin igħidu illi d-drittijiet fondamentali tagħhom inkisru bis-saħħa ta' liġi, għamlu sew li ħarrku wkoll lill-Avukat Ġenerali. It-tieni eċċezzjoni wkoll hija għalhekk miċħuda.**

**"Ukoll għax il-proċeduri saru taħt il-Kostituzzjoni u taħt l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea u mhux taħt l-art. 469A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, il-preskrizzjoni taħt is-sub-artikolu (3) ta' dak l-artikolu, meritu tat-tielet eċċezzjoni, ma tolqotx il-każ tallum, u dik l-eċċezzjoni wkoll hija għalhekk miċħuda.**

**"Ngħaddu issa biex inqisu l-meritu tat-talbiet tar-rikorrenti.**

**"Il-fatti li wasslu għal din il-kawża ġraw hekk:**

**"Fil-ħarġa tal-Gazzetta tal-Gvern tas-6 t'Ottubru 1989 kienet ippubblikata, taħt in-Notifikazzjoni tal-Gvern numru 565, dikjarazzjoni tal-President ta' Malta tat-28 ta' Settembru 1989 li kienet tgħid illi *Villa Gżira* kienet meħtieġa għal skop pubbliku. Din id-dikjarazzjoni saret taħt l-art. 3 ta' l-Ordinanza.**

**3. Il-President ta' Malta jista' jiddikjara, b'dikjarazzjoni ffirmata minnu, illi art hija meħtieġa għal skop pubbliku.**

**"L-art. 9 ta' l-Ordinanza, kif kien dak iż-żmien, *i.e.* qabel l-emenda li saret bl-art. 7 ta' l-Att XI ta' l-2002, kien igħid hekk:**

**9. (1) Kull meta l-President ta' Malta jiddikjara li l-art hija meħtieġa għal skop pubbliku, l-awtorità kompetenti tordna li kopja ta' dik id-dikjarazzjoni (flimkien ma' dettalji biżżejjed biex tkun magħrufa liema hija dik l-art) tkun imxandra fil-Gazzetta tal-Gvern, f'żewġ, mill-inqas, ġurnali lokali (wieħed minnhom ġurnal bl-Ingliż u l-ieħor ġurnal bil-Malti), u fuq it-tabella ta' l-avviżi tal-għassa tal-Pulizija jew, kif**

**jaħbat, ta' kull għassa tal-Pulizija tal-belt jew raħal fejn, jew li fil-limiti tagħha jew tiegħu, l-art tinsab.**

**(2) L-awtorità kompetenti għandha wkoll tippreżenta kopja tad-dikjarazzjoni u tad-dettalji fir-reġistru tal-Bord, u tordna illi kopja tad-dikjarazzjoni u tad-dettalji għandha tkun notifikata b'mezz tal-Bord, kif stabbilit fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, lil kull sid u lil kull bniedem ieħor li għandu interess skond il-liġi fl-art imsemmija fid-dikjarazzjoni, illi l-awtorità kompetenti tkun taf bihom u taf min huma.**
**"Għalkemm jidher illi l-gvern kien jaf min hu s-sid, għax id-Dipartiment tad-Djar, dipartiment ieħor ta' l-istess gvern, kien, snin qabel, ħareġ ordni ta' rekwiżizzjoni fuq l-istess fond, ir-rikorrenti ma kinux notifikati kif irid l-art. 9(2). Lanqas ma hemm provi li nħatru kuraturi, kif irid l-art.10 ta' l-Ordinanza:**

**10. Meta s-sid jew xi wieħed mis-sidien ta' art li għandha tiġi akkwistata obbligatorjament minn awtorità kompetenti ma jkunx magħruf jew ikun inċert jew assenti jew minuri jew persuna inkapaċi bla rappreżentant skond il-liġi, jew li l-awtorità kompetenti ma tkunx taf li għandha rappreżentant skond il-liġi, il-proċedimenti taħt din l-Ordinanza jsiru kontra kuraturi li jiġu maħtura mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, biex jidhru għas-sid jew sidien kif jingħad fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.**

**"Ir-rikorrenti iżda saru jafu mill-gazzetti bil-ħsieb illi tittieħed l-art. Huma igħidu illi t-teħid ta' l-art ma sarx kif trid il-liġi għax ma hux minnu illi l-art hija meħtieġa "għal skop pubbliku"; madankollu, taħt il-liġi ordinarja ma setgħux jikkontestaw id-deċiżjoni tal-gvern billi juru li ma kienx hemm skop pubbliku, minħabba f'dak li jgħid l-art. 6 ta' l-Ordinanza:**

**6. Ħadd ma' jista' jitlob prova oħra ta' l-iskop pubbliku msemmi fl-artikoli 3 u 4 u fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 8 minbarra d-dikjarazzjoni tal-President ta' Malta.**

**"Ir-rikorrenti qegħdin igħidu illi dan effettivament iċaħħadhom minn aċċess għal qorti biex ikollhom smigħ xieraq fid-deċiżjoni dwar id-drittijiet ċivili tagħhom, kif iridu l-art. 6 tal-Konvenzjoni:**

**Artikolu 6**
**(1) Fid-deċiżjoni tad-drittijiet ċivili … … …, kulħadd huwa intitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi. … … …**

**u, partikolarment f'dak li għandu x'jaqsam ma' teħid ta' proprjetà, l-art. 37(1(*b*)) tal-Kostituzzjoni:**
**37. (1) Ebda proprjetà ta' kull xorta li tkun ma għandu jittieħed pussess tagħha b'mod obbligatorju, u ebda interess fi jew dritt fuq proprjetà ta' kull xorta li tkun ma għandu jiġi miksub b'mod obbligatorju, ħlief meta hemm disposizzjoni ta' liġi applikabbli għal dak it-teħid ta' pussess jew akkwist —**
**(*a*) għall-ħlas ta' kumpens xieraq;**
**(*b*) li tiżgura lil kull persuna li tippretendi dak il-kumpens dritt ta' aċċess lil qorti jew tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi sabiex jiġi deċiż l-interess tagħha fi jew dritt fuq il-proprjetà u l-ammont ta' kull kumpens li għalih tista' tkun intitolata, u sabiex tikseb ħlas ta' dak il-kumpens; u**
**(*ċ*) li tiżgura lil kull parti fi proċeduri f'dik il-qorti jew tribunal dwar pretensjoni bħal dik dritt ta' appell mid-deċiżjoni tagħha lill-Qorti ta' l-Appell f'Malta:**

**"Ma hux biżżejjed illi l-aċċess għal qorti garantit minn dan l-artikolu jkun wieħed biss formali, fejn il-qorti ma jkollha ebda setgħa tara illi tassew tkun tħarset il-liġi u illi tassew ikunu tħarsu l-jeddijiet ta' min jidher quddiemha.**

**"It-teħid ta' proprjetà minn awtorità pubblika, biex ikun kif trid il-liġi, irid ikun magħmul għal "skop pubbliku", skond l-Ordinanza, u "fl-interess pubbliku" skond il-Konvenzjoni; jekk ma jkunx għal skop pubbliku u fl-interess pubbliku jkun bi ksur tal-liġi. Iżda għalxejn tidher quddiem qorti, biex titlob ħarsien**

**tad-dritt ta’ proprjetà, jekk il-qorti ma jkollhiex is-setgħa li tara jekk it-teħid kienx tassew għal skop pubbliku u fl-interess pubbliku għax ikollha bilfors toqgħod fuq il-kelma ta’ l-awtorità. L-aċċess għal qorti jkun wieħed vojt, formali biss, jekk il-qorti ma jkollhiex is-setgħa tara jekk tassew tħarsitx il-liġi.**

**“Iżda, kif rajna, il-liġi trid illi t-teħid ta’ proprjetà, biex ikun jiswa u jkun sar sew, irid ikun sar għal skop pubbliku u fl-interess pubbliku, u mhux biss wara li l-awtorità tkun qalet li sar għal skop pubbliku. Għalhekk trid tkun il-qorti, u mhux l-awtorità esekuttiva, li tgħid jekk tassew it-teħid kienx kif trid il-liġi.**

**“Lanqas ma jista’ jingħad illi, għax il-qorti ma għandhiex is-setgħa li tistħarreġ dwar għemil tal-President ta’ Malta, mela ma għandhiex is-setgħa li tara jekk it-teħid ta’ proprjetà sarx tassew fl-interess pubbliku, kif tgħid il-ħames eċċezzjoni. Id-dikjarazzjoni tat-28 ta’ Settembru 1989 kienet biss formalment att tal-President ta’ Malta; fil-fatt kienet att ta’ l-awtorità esekuttiva. Li kieku l-argument magħmul fil-ħames eċċezzjoni kien tajjeb, kull att ta’ l-awtorità esekuttiva jista’ b’liġi jsir taħt il-forma ta’ att tal-President ta’ Malta. Xi jsir imbagħad mis-setgħa tal-qorti li tara li d-drittijiet fondamentali ma jinkisrux b’għemil ta’ l-awtorità? Barra minn hekk, l-Atti tal-Parlament ukoll isiru bil-kunsens tal-President ta’ Malta, iżda dan ma jżommx lill-qorti milli tagħti rimedju jekk id-drittijiet fondamentali jinkisru bis-saħħa ta’ liġi ordinarja.**

**“Fil-fehma tal-qorti, għalhekk, jekk u safejn l-art. 6 ta’ l-Ordinanza ma jħallix li tintalab prova li tħarsu l-kondizzjonijiet kollha li trid il-liġi biex tista’ tittieħed proprjetà privata, dak l-artikolu jċaħħad lis-sid tal-proprjetà minn aċċess effettiv għal qorti, bi ksur ta’ l-art. 6 tal-Konvenzjoni.**

**“Huwa minnu iżda illi l-art. 6 ta’ l-Ordinanza — fi proċeduri taħt l-Ordinanza u mhux fi proċeduri dwar**

**drittijiet fondamentali — ma jħallix li tintalab prova dwar l-iskop pubbliku?**

**“Dwar din il-kwistjoni, il-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili, f’sentenza mogħtija fil-ġurisdizzjoni ordinarja tagħha fil-5 ta’ Marzu 2004 *in re* Ġanni Farrugia et *versus* Kummissarju ta’ l-Artijiet[1] kienet qalet hekk:**

**… … … ma hix ta’ ostakolu għat-talbiet ta’ l-attur id-dispozizzjoni ta’ l-art. 6 tal-Kap. 88, li jgħid illi ħadd ma jista’ jitlob prova oħra ta’ l-iskop pubbliku minbarra ddikjarazzjoni tal-President ta’ Malta. Interpretazzjoni korretta ta’ din id-dispozizzjoni, magħmula wkoll fid-dawl tad-dispozizzjonijiet li jħarsu l-jeddijiet fondamentali, ma hix, kif tgħid in-nota ta’ osservazzjonijiet ta’ l-atturi, illi “huwa l-konvenut [*i.e.* il-gvern] li kellu jġib il-prova illi sa mill-bidu t-teħid ta’ art kien fl-interess pubbliku”, izda l-interpretazzjoni t-tajba, fil-kuntest ta’ proċeduri ordinarji, hija li, għalkemm il-gvern ma għandu għalfejn iġib ebda prova oħra minbarra d-dikjarazzjoni tal-President ta’ Malta, il-prezunzjoni maħluqa b’dik id-dikjarazzjoni ma tistax tkun waħda *iuris et de iure* biex il-Kap. 88 jibqa’ kompatibbli mal-liġijiet li jħarsu l-jeddijiet fondamentali, u tkun megħluba jekk jintwera li ma kienx hemm l-iskop pubbliku li trid il-liġi biex it-teħid ta’ l-art ikun jiswa.**

**“Il-qorti ma għandhiex faċilment tgħid illi liġijiet ma jaqblux mal-Kostituzzjoni u mal-Konvenzjoni u ma jiswewx meta b’interpretazzjoni jistgħu jiftehmu b’mod li jaqbel ma’ dak li jridu l-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni. Ladarba din l-interpretazzjoni tista’ ssir, fil-fehma tal-qorti ma hux il-każ li jintlaqgħu l-ewwel żewġ talbiet tar-rikorrenti.**

**“Imiss issa li naraw jekk it-teħid tal-proprjetà tar-rikorrenti sarx b’ħarsien tad-dritt tagħhom imħares taħt l-art. 37 tal-Kostituzzjoni u l-art. 1 ta’ l-Ewwel Protokoll:**

---

[1] Citaz. 1107/1999.

**Artikolu 1**

**Kull persuna naturali jew persuna morali għandha dritt għat-tgawdija paċifika tal-possedimenti tagħha. Ħadd ma għandu jiġi pprivat mill-possedimenti tiegħu ħlief fl-interess pubbliku u bla ħsara tal-kundizzjonijiet provduti bil-liġi u bil-prinċipji ġenerali tal-liġi internazzjonali.**

**Iżda d-disposizzjonijiet ta' qabel ma għandhom b'ebda mod inaqqsu d-dritt ta' Stat li jwettaq dawk il-liġijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-użu ta' proprjetà skond l-interess ġenerali jew biex jiżgura l-ħlas ta' taxxi jew kontribuzzjonijiet oħra jew pieni.**

**"Li rridu naraw, mela, għall-għanijiet tal-proċeduri tallum, hu jekk tħarsux il-kondizzjonijiet kollha msemmija fl-art. 1 ta' l-Ewwel Protokoll — fosthom illi t-teħid sar fl-interess pubbliku — sabiex it-teħid tal-proprjetà tar-rikorrenti jkun wieħed leġittimu u mhux bi ksur tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti. Ladarba fl-art. 1 tal-Protokoll ma hemmx dispożizzjoni bħal dik li nsibu fl-art. 6 ta' l-Ordinanza, u ladarba wkoll hija l-awtorità pubblika li qiegħda tagħmel att li, biex ikun jiswa, ikollu jħares kondizzjonijiet li trid il-liġi, huwa fuq l-istess awtorità l-oneru li turi li dawk il-kondizzjonijiet tassew tħarsu.**

**"Kif jidher mill-ittra tal-Kummissarju ta' l-Artijiet tat-23 ta' Novembru 1994 lir-rikorrenti, il-proprjetà kienet meħtieġa mill-gvern "*for development/conversion into a Civic Centre*"[2].**

**"Dwar x'inhu fl-interess pubbliku, il-gvern għandu diskrezzjoni wiesa', dak illi l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem ["il-Qorti Ewropea"] issejjaħlu "*a wide margin of appreciation*":**

**[The court] it finds it natural that, in an area as complex and difficult as that of the development of large cities, the Contracting States should enjoy a**

[2] *Fol*. 20.

**wide margin of appreciation in order to implement their town-planning policy.[3]**

**"Naturalment, il-kunċett ta' "*large cities*" huwa wieħed relativ, u ma jfissirx illi huma biss l-awtoritajiet f'pajjiżi kbar li għandhom setgħat.**

**"Il-qorti ma tindaħalx leġġerment biex tissostitwixxi l-kriterji tagħha għal dawk tal-gvern, u toqgħod fuq il-fehma ta' l-awtorità kompetenti ħlief meta jintwera illi tassew ma seta' kien hemm ebda interess pubbliku fit-teħid tal-proprjetà jew illi ma nżammx proporzjon xieraq bejn l-interess pubbliku u d-dritt privat ta' proprjetà. Dan ukoll kompliet tgħidu l-Qorti Ewropea fil-każ ta' Edoardo Palumbo *versus* L-Italja[4]:**

**26. The Court reiterates that an interference under the second paragraph of Article 1 of Protocol No. 1, must strike a "fair balance" between the demands of the general interest and the requirements of the protection of the individual's fundamental rights. There must be a reasonable relationship of proportionality between the means employed and the aim pursued. In determining whether this requirement is met, the Court recognises that the State enjoys a wide margin of appreciation with regard both to choosing the means of enforcement and to ascertaining whether the consequences of enforcement are justified in the general interest for the purpose of achieving the object of the law in question. In spheres such as housing, which plays a central role in the welfare and economic policies of modern societies, the Court will respect the legislature's judgment as to what is in the general interest unless that judgment is manifestly without reasonable foundation.**

---

3 **Sporrong u Lönnroth *versus* l-Isvezja**, 29 ta' Gunju 1982, A 52 para. 69 (1982).

4 30 ta' Novembru 2000.

**u wkoll fil-każ ta' Pressos Compania Naviera S.A. *et versus* il-Belġju[5]:**

**37. The Court recalls that the national authorities enjoy a certain margin of appreciation in determining what is "in the public interest" because under the Convention system it is for them to make the initial assessment both of the existence of a problem of public concern warranting measures of deprivation of property and of the remedial action to be taken.**

**Furthermore, the notion of "public interest" is necessarily extensive. In particular, the decision to enact laws expropriating property will commonly involve consideration of political, economic and social issues on which opinion in a democratic society may reasonably differ widely. The Court, finding it natural that the margin of appreciation available to the legislature in implementing social and economic policies should be a wide one, will respect the legislature's judgment as to what is "in the public interest" unless that judgment be manifestly without reasonable foundation (see, *mutatis mutandis*, the James and Others v. the United Kingdom judgment of 21 February 1986, Series A no. 98-B, p. 32, para. 46), which is clearly not the case in this instance.**

**"Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, din il-qorti hija tal-fehma illi t-twaqqif ta' ċentru ċiviku ma jistax ma jitqiesx fl-interess pubbliku. Mill-provi ħareġ ukoll illi l-proprjetà kienet mitluqa, f'idejn terzi bla titolu li kienu qegħdin jinqdew biha wkoll għal skopijiet mhux leċiti. Għalhekk, ladarba f'dak il-waqt is-sidien ma kinux qegħdin jinqdew bil-proprjetà, u, sal-1994, meta mill-gazzetti saru jafu bil-ħsieb li tittieħed għal skop pubbliku, ma wrew ebda interess fiha, il-"*fair balance*" bejn l-interess pubbliku u d-dritt privat ma kienx ikun disturbat li kieku l-proprjetà ntużat bħala ċentru ċiviku.**

5 20 ta' Novembru 1995.

**"Ġara iżda illi l-ħsieb tal-gvern biex fil-proprjetà jinħoloq ċentru ċiviku baqa' ma seħħx, u, waqt is-smigħ tal-kawża, bin-Notifikazzjoni tal-Gvern numru 471 kienet ippubblikata, fil-ħarġa tas-16 ta' Lulju 1996, dikjarazzjoni tal-President ta' Malta tat-8 ta' Lulju 1996 li tgħid illi l-proprjetà tar-rikorrenti ma għadhiex meħtieġa mill-awtorità kompetenti.**

**"Fil-fehma tal-qorti, iżda, dan ma jibdilx il-fatt illi fil-bidu l-proprjetà ttieħdet għal skop pubbliku, u l-fatt illi, wara, dan il-ħsieb ma seħħx, ma jfissirx illi d-dikjarazzjoni tal-President ta' Malta saret *ex tunc* invalida.**

**"Għal dawn ir-raġunijiet, it-tielet, ir-raba' u l-ħames talbiet tar-rikorrenti ma jistgħux jintlaqgħu.**
**"Rajna illi, waqt is-smigħ tal-kawża, il-proprjetà reġgħet inħelset favur is-sidien, u għalhekk, effettivament, l-interess tar-rikorrenti fit-talbiet tagħhom baqa' biss għall-għanijiet ta' l-ispejjeż ġudizzjarji. B'rikors tat-30 ta' Ġunju 1998[6], iżda, ir-rikorrenti talbu illi jingħataw kumpens għad-danni li ġarrbu talli, bejn l-1989, meta kienet ippubblikata d-dikjarazzjoni illi l-proprjetà kienet meħtieġa għal skop pubbliku, u l-1996, meta l-proprjetà reġgħet inħelset, "ir-rikorrent ma setax jinnegozja l-proprjetà, ġie permess lil diversi nies mill-awtoritajiet kompetenti li jidħlu fil-proprjetà [meta din] kienet f'idejn l-istess awtoritajiet b'effett ta' l-esproprju, u l-proprjetà tħalliet mill-awtoritajiet kompetenti taqa' fi stat ta' dilapidazzjoni, b'dannu evidenti għall-proprjetarji".**

**"L-intimati *inter alia* wieġbu hekk:**

**1. Iadarba l-kawża nbdiet b'rikors kostituzzjonali li l-meritu tiegħu hu eżawrit, it-talba għad-danni għandha ssir bil-mezzi ordinarji u l-qorti ma għandhiex tinqeda bil-kompetenza kostituzzjonali tagħha;**

6 *Fol*. 56.

**2. il-Kummissarju ta’ l-Artijiet qatt ma ħa l-pussess tal-proprjetà, li baqa’ dejjem f’idejn ir-rikorrenti;**
**3. meta ħarġet id-dikjarazzjoni tal-President ta’ Malta fl-1989 il-proprjetà ġà kienet fi stat ħażin u mitluqa; u**
**4. ir-rikorrenti qegħdin igħidu illi ma setgħux jinnegozjaw il-proprjetà; iżda huma stess ammettew li kien fit-3 t’Awissu 1994 li saru jafu mill-gazzetti li l-proprjetà kienet meħtieġa għal skop pubbliku, u dan juri illi bejn l-1989 u l-1994 ma kellhom ebda ħsieb jew interess li jinnegozjaw il-proprjetà.**

**“Minn stqarrija magħmula mir-rikorrent stess f’ittra mibgħuta minnu lill-Prim’Ministru fit-23 ta’ Jannar 1995[7], ħareġ illi tassew illi l-proprjetà ġà kienet mitluqa u bil-ħsara qabel ma saret id-dikjarazzjoni tal-President ta’ Malta fl-1989. Għalhekk ma hux minnu illi l-ħsara saret b’konsegwenza ta’ l-esproprjazzjoni. Tassew illi, qabel dak iż-żmien, il-proprjetà għamlet ukoll xi żmien rekwiżizzjonata, iżda l-meritu tal-kawża tallum hija l-esproprjazzjoni u mhux ir-rekwiżizzjoni. Il-qorti taqbel ma’ l-intimati illi, jekk saret il-ħsara waqt illi l-proprjetà kienet f’idejn l-awtoritajiet bis-saħħa ta’ ordni ta’ rekwiżizzjoni, ir-rikorrenti setgħu nqdew b’rimedji li tagħtihom il-liġi ordinarja, u għalhekk ma hux il-każ illi l-qorti tqis aktar it-talba għad-danni minħabba ħsara fil-proprjetà.**

**“Il-qorti iżda tifhem illi, għalkemm huwa minnu illi l-proprjetà ma għaddietx formalment f’idejn il-gvern, u l-Kummissarju ta’ l-Artijiet ma kellux il-pussess materjali tagħha, madankollu d-dikjarazzjoni li l-proprjetà kienet meħtieġa għal skop pubbliku kienet “indħil” fit-tgawdija tad-dritt ta’ proprjetà, kif qalet il-Qorti Ewropea fil-każ fuq imsemmi ta’ Sporrong u Lönnroth:**

**60. … … … Although the expropriation permits left intact in law the owners’ right to use and dipose of**

[7] *Foll.* 24 *et seq.*

**their possessions, they nevertheless in practice significantly reduced the possibility of its exercise. They also affected the very substance of ownership in that they recognised before the event that any expropriation would be lawful and authorised the City of Stockholm to expropriate whenever it found it expedient to do so. The applicants' right of property thus became precarious and defeasible.**

**… … …**

**There was therefore an interference with the applicants' right of property.**

**… … …**

**63. In the absence of a formal expropriation, that is to say a transfer of ownership, the Court considers that it must look behind the appearances and investigate the realities of the situation complained of (see, *mutatis mutandis*, the Van Droogenbroeck judgment of 24 June 1982, Series A no. 50, p. 20, par. 38). Since the Convention is intended to guarantee rights that are "practical and effective" (see the Airey judgment of 9 October 1979, Series A no. 32, p. 12, par. 24), it has to be ascertained whether that situation amounted to a *de facto* expropriation, as was argued by the applicants.**

**"Ladarba kien hemm dan l-"indħil" fil-proprjetà tar-rikorrenti, biex l-indħil ikun leġittimu irid ikun hemm ħlas ta' kumpens xieraq. Madankollu, fil-fehma tal-qorti, dan il-kumpens għandu jkun proporzjonat mat-telf u l-inkonvenjent li jġarrbu s-sidien minħabba fl-indħil. Rajna illi, fil-każ tar-rikorrenti, l-interess tagħhom fil-proprjetà, sal-1994, ma kienx wisq attiv, u għalhekk l-effett detrimentali ta' l-"indħil" fil-proprjetà ma kienx wieħed kbir. Fil-fehma tal-qorti, għalhekk, kumpens ta' seba' mitt lira (Lm700), ekwivalenti għal mitt lira (Lm100) kull sena għas-seba' snin li għaddew bejn it-28 ta' Settembru 1989 u s-16 ta' Lulju 1996, ikun wieħed xieraq u biżżejjed. Fid-dawl ta' dak li trid ir-raba' eċċezzjoni ta' l-intimati, dan il-ħlas għandu jsir wara illi r-rikorrenti jipproduċu prova tat-titolu tagħhom għall-proprjetà.**

**"Ir-rikorrenti qegħdin jilmentaw ukoll illi saret diskriminazzjoni kontra tagħhom fit-tgawdija tad-drittijiet imħarsa taħt il-Konvenzjoni, bi ksur ta' l-art. 14 tal-Konvenzjoni. Ma nġiebet ebda prova ta' dan l-ilment u r-rikorrenti ma għamlu ebda referenza għalih fin-noti ta' osservazzjonijiet tagħhom. Il-qorti għalhekk ma tqisx dan l-ilment aktar.**

**"Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti taqta' l-kawża billi, filwaqt illi tgħid illi ma setgħux jintlaqgħu t-talbiet magħmula fir-rikors li bih inbdew dawn il-proċeduri, tipprovdi dwar ir-rikors tat-30 ta' Ġunju 1998 billi tikkundanna lill-intimat Kummissarju ta' l-Artijiet iħallas lir-rikorrenti s-somma ta' seba' mitt lira (Lm700) bħala kumpens għall-indħil fil-proprjetà tar-rikorrenti, wara li r-rikorrenti jkunu ipproduċew id-dokumenti li jagħmlu prova tat-titolu tagħhom għall-proprjetà.**

**"Kull parti għandha tħallas l-ispejjeż tagħha iżda l-ispejjeż tar-reġistru għandhom iħallsuhom ir-rikorrenti."**

**<u>Appell u konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

Fir-rikors ta' appell tieghu, presentat fit-3 ta' Novembru 2004, l-appellant (dejjem *proprio et nomine*) ghandu erba' aggravji, li ser jigu trattati *seriatim*. Ghandu jinghad ukoll li l-appellant deherlu li ma kienitx bizzejjed l-esposizzjoni ta' dawn l-aggravji maghmula fir-rikors ta' appell taht il-firma ta' l-avukat tieghu, u s-sottomissjonijiet maghmula mill-istess avukat fl-udjenza tad-9 ta' Frar 2005; f'din l-ahhar imsemmija udjenza huwa insista li jindirizza lill-Qorti personalment – u din il-Qorti taghtu permess biex jaghmel hekk – u in segwitu baqa' jinsisti li anke jaghmel sottomissjonijiet bil-miktub huwa stess (jigifieri mhux taht il-firma ta' l-avukat tieghu) – ara n-nota tal-5 ta' April 2005 li maghha hemm annessi dawn is-sottomissjonijiet bil-miktub. Huwa evidenti li ghalkemm dawn is-sottomissjonijiet (li huma bl-ingliz) jibdew bil-kliem "Petition of appeal of…", dan id-dokument (li din il-Qorti qrat bhalma hadet in konsiderazzjoni dak li l-appellant qal

fl-udjenza tad-9 ta’ Frar 2005) jista’ jitqies biss bhala nota ta’ sottomissjonijiet jew argumenti, u mhux rikors ta’ appell. Ir-rikors ta’ appell huwa biss dak tat-3 ta’ Novembru 2004, li ghalih l-appellati wiegbu bir-risposta tal-15 ta’ Novembru 2004.

L-ewwel aggravju ta’ l-appellant hu, bazikament, li l-ewwel Qorti zbaljat meta ma ddikjaratx li l-Artikolu 6 tal-Kap. 88 jilledi d-drittijiet fondamentali tieghu kif protetti bl-Artikolu 1 ta’ l-Ewwel Protokoll u bl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, u ma ddikjaratx l-istess Artikolu 6 tal-Kap. 88 null u bla effett (l-ewwel zewg talbiet fir-rikors promotorju). Skond l-appellant, sad-data li fiha huwa ippropona r-rikors tieghu (fl-20 ta’ Marzu, 1996) l-interpretazzjoni moghtija ghal dana l-Artikolu 6 tal-Kap. 88 fis-sentenza ***Ganni Farrugia et v. Kummissarju ta’ l-Artijiet*** tal-5 ta’ Marzu 2004 (imsemmija fis-sentenza appellata) ma kienitx ghadha giet recepita fil-gurisprudenza taghna u ghalhekk *“…ir-rikorrenti ma kellhom l-ebda tort li jitolbu dikjarazzjoni fis-sens li ghamlu billi altrimenti ma setghux jilhqu l-ghan taghhom li jissindikaw l-agir tal-intimati…”*. Apparti li din il-Qorti ma tista’ b’ebda mod taqbel ma’ dana l-aggravju – ghax jekk l-Artikolu 6 tal-Kap. 88 seta’ jigi interpretat b’mod li ma jikkozzax mad-drittijiet fondamentali ta’ dak li jkun, kellu hekk jigi interpretat <u>indipendentement minn meta l-att promotorju tressaq quddiem l-ewwel Qorti</u> – l-appellant quddiem l-ewwel Qorti ripetutament iddikjara li, galadarba l-proprjeta` kienet giet “ritornata” lura lilu bid-dikjarazzjoni tal-President ta’ Malta tat-8 ta’ Lulju 1996 li l-fond *de quo* ma kienx ghadu mehtieg mill-awtorita` kompetenti ghal skop pubbliku[8], l-unika kwistjoni li kien ghad fadal kienet dik tal-kumpens. Fl-affidavit tieghu tal-11 ta’ Ottubru 1996 (fol. 15 ta’ l-atti), l-appellant ighid hekk:

**“With the property release, there now remains only the prayer for compensation in respect of (a) the possession of Villa Gzira by the government during the seven year period 1989 to 1996, (b) damages sustained to the property during [this period], (c) all**

[8] Ara n-Notifikazzjoni tal-Gvern 471 pubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tas-16 ta’ Lulju 1996 – fol. 34 tal-atti.

**costs and expenses including those in respect of application 542/96.”**

Hekk ukoll l-appellant fir-rikors tieghu, taht il-firma ta’ l-abbili difensur tieghu l-Avukat Dott. Ian Refalo, tal-5 ta’ Mejju 1998 (fol. 54 ta’ l-atti), rega’ tenna:

**“Illi l-esponent jissottometti li wara li gie irtirat l-esproprju tal-fond mertu ta’ din il-kawza kien ghad fadal biss x’jigu likwidati u decizi l-kwistjoni dwar l-ispejjez gudizzjarji u l-ispejjez u danni l-ohra sofferti mir-rikorrent minhabba l-agir tal-intimati.”**

Hu evidenti ghalhekk li, mhux biss id-decizjoni ta’ l-ewwel Qorti fir-rigward tal-ewwel zewg talbiet tar-rikorrent appellant kienet wahda ineccepibbli mill-punto di vista legali, izda l-istess appellant kien fil-kors tal-kawza iddikjara li ma kellux aktar interess f’dawn l-ewwel zewg talbiet kif migjuba fir-rikors promotorju. Konsegwentement dana l-ewwel aggravju jirrazenta l-fieragh.

It-tieni aggravju ta’ l-appellant hu fis-sens li d-decizjoni tal-ewwel Qorti li wara l-avviz numru 565 ta’ l-1989 kien hemm l-interess pubbliku ossia skop pubbliku skond l-Artikolu 1 ta’ l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea kif ukoll skond l-Artikolu 3 tal-Kap. 88, kienet zbaljata. Bazikament l-appellant ighid li ma jistax ikun veru li l-fond kien ittiehed biex iservi ta’ centru civiku, u dan principalment ghax fil-fatt l-istess fond baqa’ qatt ma gie wzat ghal dan l-iskop, tant li eventwalment il-fond gie rilaxxjat lura lilu. Skond l-appellant:

**“Il-posizzjoni hija, fl-umli sottomissjoni ta’ l-esponent, li jew il-Gvern verament qatt ma kellu bzonnha [il-proprjeta`] ghall-iskop li jghid li hadha, jew kien hafna legger fid-determinazzjoni ta’ dak l-iskop, liema leggerezza tista’ u ghandha tigi ekwiparata ghal nuqqas ta’ valutazzjoni serja dwar il-bzonn ta’ tehid. F’kull ipotesi tonqos ghalhekk il-prova li l-proprjeta` kienet verament bzonjuza fl-interess pubbliku u l-fatt tas-sussegwenti rilaxx wara**

**periodu twil ta' snin jipprova dan minghajr ebda ombra ta' dubbju."**

Issa, kif gie affermat minn din il-Qorti diversi drabi[9], jispetta ghall-Istat li jkun qed jesproprja li jipprova li dak l-esproprju jkun qed isir, *inter alia*, fl-interess pubbliku ossia ghal skop pubbliku. Il-Qrati ghandhom jikkoncedu "margini ta' apprezzament" wiesgha lill-Ezekuttiv ghal dik li hi d-determinazzjoni ta' x'inhu u x'mhux fl-interess pubbliku[10], izda finalment l-arbitru ahhari (f'dan il-kaz ghall-finijiet tal-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea) ta' jekk l-esproprju jkunx sar fl-interess pubbliku ossia ghal skop pubbliku jew le, huwa l-organu gudizzjarju – il-Prim Awla tal-Qorti Civili u, fil-kaz ta' appell, din il-Qorti. Fil-kaz *de quo*, bhalma gustament osservat l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata, il-villa in kwistjoni baqghet teknikament dejjem fil-pussess tal-appellant (u ta' Mae Waterhouse), ghax kull ma kien hemm kienet biss id-dikjarazzjoni tal-President li l-istess proprjeta` kienet mehtiega ghal skop pubbliku – x'kienu jew x'setghu kienu l-effetti ta' "rekwisizzjoni" li kien hemm qabel it-28 ta' Settembru 1989 fuq il-villa, liema "rekwisizzjoni" tissemma' matul il-kawza, huwa irrelevanti peress li r-rikors promotorju jiehu bhala l-*punto di partenza* ghal-lanjanzi tar-rikorrent l-avviz fil-Gazzetta tal-Gvern tat-28 ta' Settembru 1989. Dak li wiehed irid jistaqsi, allura, hu: gie pruvat mill-Istat li meta saret id-dikjarazzjoni msemmija f'Settembru ta' l-1989 – liema dikjarazzjoni tammonta certament ghal forma ta' "indhil" fit-tgawdija tad-dritt ta' proprjeta` -- kien hemm interess ossia skop pubbliku ghal dik l-interferenza? U jekk fl-affermattiv, dak l-iskop baqa' jissussisti sa' ma l-proprjeta` giet dikjarata li mhix aktar mehtiega? Issa, ma hemmx dubbju li meta jinghad li l-Istat irid jipprova li kien hemm dan l-interess pubbliku, tali prova l-Istat jista' jaghmilha anke permezz

[9] Ara ***Pawlu Cachia v. Avukat Generali et*** Qorti Kost. 28/12/2001; ***Francis Bezzina Wettinger et v. Kummissarju ta' l-Artijiet*** Qorti Kost. 10/10/2003; ***Raymond Vella et noe. v. Il-Kummissarju ta' l-Artijiet*** Qorti Kost. 24/5/2004.

[10] Fi kliem l-ewwel Qorti, fis-sentenza appellata, *"Il-Qorti ma tindahalx leggerment biex tissostitwixxi l-kriterji taghha ghal dawk tal-gvern, u toqghod fuq il-fehma ta' l-awtorita` kompetenti hlief meta jintwera illi tassew ma seta' kien hemm ebda interess pubbliku fit-tehid tal-proprjeta` jew illi ma nzammx proporzjon xieraq bejn l-interess pubbliku u d-dritt privat ta' proprjeta`."*

tal-prova (dokumentali jew xort'ohra) migjuba mill-istess rikorrent. Fil-kaz in dizamina jidher, in fatti, li l-appellati, allura intimati, strahu kompletament fuq l-istess dokumenti migjuba mir-rikorrent flimkien ma' l-affidavit tieghu a fol. 15. Minn dawn l-istess dokumenti, u principalment mill-ittra tat-23 ta' Novembru 1994 (fol. 20) taht il-firma ta' Adriano Gouder, allura Kummissarju ta' l-Artijiet, jirrizulta li fl-1994 l-Ezekuttiv kellu l-hsieb li juza l-villa *"for development / conversion into a Civic Centre"*. Dan l-iskop huwa konfermat b'ittri ohra li jgibu data posterjuri ghal dik tat-23 ta' Novembru 1994. Pero` minn imkien ma jirrizulta x'kien l-iskop pubbliku wara d-dikjarazzjoni fl-1989, u bejn din id-data u l-1994. Mhux lecitu ghal din il-Qorti li tassumi (bhalma jidher li assumiet l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata) li l-hsieb li kellu l-Ezekuttiv f'Settembru ta' l-1994 kien ukoll dak li kellu f'Settembru ta' l-1989, aktar u aktar meta wiehed jiehu in konsiderazzjoni li l-Att dwar il-Kunsilli Lokali[11] gie fis-sehh biss f'Lulju ta' l-1993. Galadarba l-Istat ma ippruvax li meta saret id-dikjarazzjoni Presidenzjali fl-1989 kien hemm warajha interess jew skop pubbliku – anke jekk wara din id-data l-istess proprjeta` setghet kienet "earmarked" ghal skop pubbliku bhalma hu centru civiku – dan il-fatt ghandu jgib varjazzjoni fil-kumpens lill-appellant ghall-indhil fit-tgawdija pacifika tal-possedimenti tieghu. Dwra dan l-aggravju, ghalhekk, din il-Qorti ma hix tal-fehma li ghandha tghid aktar fic-cirkostanzi tal-kaz.

It-tielet aggravju ta' l-appellant hu fis-sens li hu ma jaqbilx ma' l-ewwel Qorti meta din effettivament iddikjarat li l-kawza minnu istitwita b'dawn il-proceduri ma kienitx kawza ghad-danni kagunati b'effett tad-dikjarazzjoni tat-28 ta' Settembru 1989; u anqas ma jaqbel maghha li ma rrizultax li d-danni fil-proprjeta` in kwistjoni kienu r-rizultat ta' din id-dikjarazzjoni. L-appellant, in effetti, ghadu qed jippretendi li huwa jithallas ghad-danni riskontrati fil-villa in kwistjoni skond ir-rapport (minnu kummissjonat) tal-A.I.C. David Pace, li stima l-ispejjez ghat-tiswija tal-fond fis-somma ta' aktar minn mija u erbatax-il elf lira (ara fol. 73). Din il-Qorti, pero`, ma tistax taqbel ma' l-appellant. Ir-

[11] Att XV ta' l-1993.

rikors promotorju tal-kawza kien jitlob rimedju ghall-allegat ksur tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrent *proprio et nomine* u mhux ghall-hsara materjali fil-proprjeta`. Kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti fis-sentenza taghha, il-kwistjoni tad-danni materjali fil-proprjeta` l-appellant (allura rikorrent) ipprova jdahhalha mill-bieb ta' wara permezz tar-rikors tieghu tat-30 ta' Gunju 1981 (fol. 56) peress li, kif diga` rajna, hu kien precedentement tilef kull interess fit-talbiet kif minnu originarjament proposti. Ghalkemm dina kienet stratagemma ingenjuza tad-difensur ta' l-appellant, din il-Qorti tikkondividi pjenament il-fehma espressa mill-ewwel Qorti fis-sentenza appellata li ma hemm ebda prova li l-hsarat riskontrati mill-Perit Pace kienu r-rizultat dirett tad-dikjarazzjoni Presidenzjali, kif ukoll li ghal dawn il-hsarat – jekk ghalihom huwa responsabbli l-Istat – kien hemm rimedji ordinarji li s-Sur Edwards messu ghamel uzu minnhom. Ghalhekk dana l-aggravju qed jigi respint.

Ir-raba' u l-ahhar aggravju tar-rikorrent (li hu f'certu sens marbut mat-tielet aggravju) hu bazikament fis-sens li s-somma likwidata ta' seba' mitt lira ghall-"indhil" fil-proprjeta` "hija somma verament misera meta wiehed jikkunsidra l-entita` tad-danni sofferi mir-rikorrenti bhala rizultat ta' l-agir tal-Gvern". Anke f'dan ir-rigward, din il-Qorti ma tista' tikkondividi b'ebda mod il-hsieb u l-argumenti ta' l-appellant. Kif diga` inghad ma hemm ebda prova li l-hsara materjali fil-villa in kwistjoni kienet ir-rizultat tad-dikjarazzjoni Presidenzjali aktar 'l fuq imsemmija. Is-somma likwidata mill-ewwel Qorti kienet, korrettement, forma ta' danni morali ghall-"indhil" fit-"tgawdija pacifika tal-possedimenti" tar-rikorrent appellant wara li rrizulta li l-Istat ma kienx ghad fadallu interess fil-proprjeta` u d-dikjarazzjoni Presidenzjali ta' l-1989 giet revokata. Fuq dan il-punt is-sentenza ta' l-ewwel Qorti hija ineccepibbli. L-unika haga li din il-Qorti ser tvarja hija fil-likwidazzjoni ta' dawn id-danni, fis-sens li ser izzid is-somma ta' tlett mitt lira in vista ta' dak li nghad hawn aktar 'il fuq fir-rigward tal-fatt li ma giex pruvat x'kien l-iskop jew interess pubbliku wara d-dikjarazzjoni Presidenzjali ghall-periodu bejn Settembru 1989 u  Novembru 1994.

Ghall-motivi premessi, tirriforma s-sentenza appellata billi tiddikjara li l-kumpens li l-appellat Kummissarju ta’ l-Artijiet ghandu jhallas lir-rikorrent appellant *proprio et nomine* ghandu jkun ta’ elf lira (Lm1,000) (u mhux seba’ mitt lira); izda tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija. Kull parti ghandha thallas l-ispejjez taghha ta’ dana l-appell, bl-ispejjez tar-registru jithallsu mill-appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------